TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Victor Ellul

vs

Go PLC

CCT 82/17/MS

16 ta' Ottubru 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz ipprezentat mir-rikorrent fis-6 ta' Frar 2017 fejn talab ir-rifuzjoni ta' hames mitt Euro (€500.00), prezz ta' mobile li xtara minghand is-socjeta' intimata liema mobile kellu diffetti b'tali mod li ma setax jintuza kif suppost.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata ipprezentat fl-10 ta' Marzu 2017, fejn cahdet t-talba tar-rikorrenti bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Sema x-xhieda.

Ra l-verbal tat-3 ta' Lulju 2017 fejn ir-rikorrent irriduca t-talba tieghu ghas-somma ta' mitejn u disgha u disghin Euro (€299.00) oltre l-ispejjez.

Ra l-atti kollha tal-process.

Ikkunsidra

Illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi fil-31 ta' Mejju 2016 ir-rikorrent xtara minghand is-socjeta' intimata mobile Samsung Galaxy S6 (ara Dok A) li kien kopert b'garanzija ta' sentejn li kellu jiskadi fl-1 ta' Gunju 2018. Anqas minn xahar u nofs wara li nxtara il-mobile dana beda jimmanifesta difetti bhal per ezempju jigi minghajr sound u jinstema' zarzir kontinwu, li minhabba f'hekk, ma setghetx issir komunikazzjoni bejn ir-rikorrent u lil min kien qed icempel.

Minkejja illi l-mobile ittiehed ghat-tiswija mill-anqas tliet darbiet il-problema baqghet tippersisti u r-rikorrent gab bhala xhieda tliet persuni li kollha xehdu dwar id-diffikulta li kellhom biex jikkomunikaw mar-rikorrent meta kien qieghed juza l-mobile in kwistjoni. Din ma kenitx tigri kull darba izda ta' spiss.

Is-socjeta' intimata tghid illi meta ppruvat il-mobile dan dejjem hadem kif suppost pero' jikkonfermaw ukoll li skond il-call logs taghhom, irrizultalhom illi f'certi okkazjonijiet ir-rikorrent kien icempel l-istess numru f'hin qasir u ripetut (ara xiehda Kevin Testa - 3 ta' Lulju 2017). Dana jikkorobora il-versjoni tar-rikorrent meta ighid illi minhabba d-diffikultajiet li kien qed ikollu kien qed jipprova jaqta' l-linja u jerga' jcempel ripetutament biex forsi ikun jista jiftiehem mal-persuna li jkun qed jikkomunika.

Ghal dawk illi huwa l-prezz, ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni fuq dan, aktar u aktar, meta r-rikorrent irriduca t-talba tieghu ghal €299.00.

Is-socjeta' intimata donnha kienet qed tisuggerixxi ill l-persuni li kienu qeghdin jippruvaw icemplu lir-rikorrent seta' kellhom xi hsara fil-mobile taghhom jew kienu qeghdin icemplu minn post fejn reception kien batut. Apparti l-fatt illi s-socjeta' intimata ma gabet l-ebda prova ta' dan, irrizulta propju l-oppost meta x-xhieda prodotti kkonfermaw li d-diffikultajiet li kien qed ikollhom kien biss meta jcemplu lir-rikorrent u ma hadd aktar. Dan, kif ukoll il-komportament tax-xhieda prodotti mir-rikorrent u l-mod kif xehedu - ikompli jinduci t-Tribunal fil-konvinzjoni li kien hemm xi haga verament hazina fil-mobile tar-rikorrent u ghalhekk it-Tribuna ihoss illi r-rikorrent irnexxielu jipprova l-istanza tieghu fil-grad li trid il-ligi.

Ghal dawn ir-ragunijiet jaqta u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna lis-socjeta' intimata illi tirrifondilu s-somma ta' €299.00, prezz tal-mobile fuq indikat. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimta.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**